

Brussell, 11 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5079/22

ECOFIN 11
UEM 5
SOC 5
EMPL 4
COMPET 1
ENV 3
EDUC 2
RECH 4
ENER 2
JAI 8
GENDER 1
ANTIDISCRIM 1

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Semestru Ewropew 2022: L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022 – Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022, kif imħejji mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fl-10 u l-11 ta' Jannar 2022.

SEMESTRU EWROPEW 2022:
L-ISTHARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR SOSTENIBBLI 2022

– Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN –

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JENFASIZZA li l-isforzi kkoordinati tal-UE biex tindirizza l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, wittew it-triq għal irkupru sostnut. JENFASIZZA r-riskji relatati mal-inċertezza kbira kontinwa dwar l-evoluzzjoni tal-pandemija, u ż-żieda qawwija reċenti fil-prezzijiet tal-enerġija fl-UE u l-konġestjonijiet fil-provvista li jaffettwaw il-produzzjoni.
2. B'MOD ĠENERALI JILQA' l-prijoritajiet ekonomiċi mressqa fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022, inkluż it-tkomplija tal-enfasi fuq is-sostenibbiltà kompetittiva f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. JAQBEL li l-erba' dimensjonijiet li jsaħħu lil xulxin
– is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, l-ekwità, u l-istabbiltà makroekonomika – jibqgħu validi ndaqs għall-kisba tal-mira tal-UE li timxi lejn mudell ekonomiku sostenibbli, reżiljenti u inklużiv.
3. JISSOTTOLINJA li l-istabbiltà makroekonomika kkombinata mal-investimenti u r-riformi tibqa' kruċjali għall-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-ekonomija tal-UE kollha kemm hi. JILQA' l-enfasi fuq l-impatt ekonomiku tad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet korrispondenti ta' investiment u riforma. JENFASIZZA r-rwol komplementari tal-politiki ekonomiċi fiskali u strutturali fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi u fil-provvista ta' kundizzjonijiet favorevoli għal tkabbir ekonomiku sostnut. JAQBEL li l-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u t-tlestija tal-Unjoni Bankarja jsaħħu l-mezzi ta' finanzjament għall-ekonomija u jippromwovu l-kontribut tas-settur privat għall-ħtiġijiet konsiderevoli ta' investiment u jżidu r-reżiljenza ekonomika u soċjali.

4. JIKKUNSIDRA li, filwaqt li titqies is-saħħa tal-irkupru u jiġi rifless il-livell ta' inċertezza, l-Istati Membri għandhom jibqgħu aġli fir-rispons tal-politika fiskali tagħhom sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu għall-evoluzzjoni tal-pandemija. JISTIEDEN lill-Istati Membri, meta gradwalment jimxu minn appoġġ fiskali ġeneralizzat għal miżuri ta' politika aktar immirati, biex jirvedu regolarment l-użu, l-effettività u l-adeqwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u jkunu lesti li jadattawhom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, filwaqt li jħarsu s-sostenibbiltà fiskali fuq perijodu medju.
5. JAQBEL li l-Istati Membri b'dejn baxx jew medju għandhom jieħdu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ fl-2022; l-Istati Membri b'dejn għoli għandhom jużaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzjaw investment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru u t-tranżizzjoni doppja, filwaqt li jwettqu politika fiskali prudenti. IFAKKAR fl-importanza li jissaħħaħ l-investment filwaqt li titqies il-ħtieġa li jitnaqqsu d-diverġenzi u li tiġi żgurata kompożizzjoni li tiffavorixxi t-tkabbir tal-finanzi pubbliċi kif ukoll oqfsa fiskali robusti, li ser jgħinu biex tiġi appoġġata t-trajettorja ta' tkabbir tal-UE mil-lum 'il quddiem u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija tagħna.
6. JAGĦRAF id-diżattivazzjoni mistennija tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir mill-2023. JISTENNA B'INTERESS diskussjoni f'waqtha dwar il-gwida fiskali li l-Kummissjoni ser tippreżenta għall-perijodu li ġej bil-għan li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-politiki fiskali u li ser tirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika globali u s-sitwazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru kif ukoll id-diskussjonijiet dwar il-qafas ta' governanza ekonomika.
7. JAPPELLA għal taħlita allinjata sew ta' riformi u investimenti privati u pubbliċi li jirfdu l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi, bil-għan li jizdedu l-impjiegi, il-produttività, l-innovazzjoni u l-appoġġ għat-tranżizzjoni doppja. JAQBEL li Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb, fejn tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u effettiva, fih innifsu huwa sors ewlieni ta' produttività għall-ekonomija tal-UE.

8. JENFASIZZA l-importanza kontinwa tal-adozzjoni rapida u t-tixrid usa' tat-teknoloġiji diġitali u ekoloġiċi għall-irkupru sostenibbli u biex l-Ewropa ssir mexxejja trasformattiva. JAQBEL li t-titjib fl-effiċjenza enerġetika u t-tkompli tal-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika huma kruċjali biex jiġu żgurati prezzijiet tal-enerġija affordabbli fil-ġejjieni.
9. JISSOTTOLINJA li l-ekwità u l-inklużività jeħtieġ li jkunu fil-qalba kemm tal-irkupru mir-reċessjoni ekonomika kkaġunata mill-pandemija kif ukoll tat-tranżizzjoni doppja. JENFASIZZA li t-tranżizzjoni industrijali u ż-żieda tal-investment fit-teknoloġija jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'investment fin-nies u fil-ħiliet, b'mod partikolari fil-ħiliet diġitali.
10. JAGĦRAF il-potenzjal tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u t-tiżiħ ta' tkabbir b'saħħtu u sostenibbli tal-UE, kif ukoll ir-rwol tagħha fil-kisba ta' ekonomija tal-UE reżiljenti, ekoloġika u diġitali. JAPPELLA għal implimentazzjoni f'waqtha, sħiħa u effettiva tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' sfidi ekonomiċi identifikati matul is-snin li għaddew. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal sorveljanza komprensiva kontinwa tal-politika ekonomika tal-UE, li tinkludi monitoraġġ mill-qrib tar-riskji li jfiġġu.
11. JILQA' l-fatt li s-Semestru Ewropew jissokta l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika, fiskali u tal-impjiegi fl-2022, inkluż il-pubblikazzjoni ta' rapporti simplifikati dwar il-pajjiżi u l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. JAGĦRAF il-ħtieġa tal-adattament temporanju tas-Semestru Ewropew għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u JAPPELLA biex jiġu żgurati sinerġiji u rekwiżiti ta' rappurtar simplifikati fiż-żewġ proċessi, inkluż li jiġi speċifikat ir-rwol tal-programmi nazzjonali ta' riforma.
12. JAPPELLA biex is-Semestru Ewropew jibqa' kkonċentrat fuq il-politiki ekonomiċi, fiskali u tal-impjiegi hekk kif il-Kummissjoni tkompli l-integrazzjoni tal-għanijiet rilevanti ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Semestru Ewropew. JILQA' l-applikazzjoni kontinwa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, li tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi preeżistenti, li ġew amplifikati mill-pandemija tal-COVID-19 jew dawk li għadhom kif feġġew.

13. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' sorveljanza multilaterali u koordinazzjoni mill-qrib tal-politika u JIRRIKONOXXI l-importanza ta' djalogu trasparenti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-istadji kollha tas-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
 14. IKOMPLI diskussjonijiet bir-reqqa dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika tal-UE, inkluż il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi orjentazzjonijiet dwar bidliet possibbli fil-qafas tal-governanza ekonomika. JAGĦRAF il-ħtieġa li jinbena kunsens wiesa', peress li l-funzjonament effettiv tal-qafas ta' sorveljanza huwa r-responsabbiltà kollettiva tal-Istati Membri kollha, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati ewlenin.
-